**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 16 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1532/01 AE**

**Gasan Enterprises Ltd**

**vs**

**Anthony u Helena konjugi Fountain**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u tmienja u sittin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1068.48), import ta' erbatax-il kambjala li gew iffirmati mill-konvenuti u mmaturaw fid-dati ndikati fl-avviz tat-talba.

Ra li l-konvenuti, ghalkemm notifikati, ma kkontestawx il-kawza u lanqas ma dehru fis-seduti tal-11 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Louis Bianchi jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf tmienja u sittin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,068.48), import ta' erbatax-il kambjala, bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**